



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12509/25

LIMITE

CORLX 858
CFSP/PESC 1279
MOG 93

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK
dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK¹ dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.
- (2) Fl-14 ta' Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, appoġġati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli"), laħqu qbil mal-Iran dwar soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt ("PAKK") kellha tiżgura n-natura esklużivament paċifika tan-programm nukleari Iranjan, u tipprevedi t-tneħħija komprensiva tas-sanzjonijiet kollha marbuta ma' kwistjonijiet nukleari.
- (3) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2231 (2015) fejn approva l-PAKK, ħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu skont l-iskeda ta' żmien stabbilita fil-PAKK u ppreveda azzjonijiet li għandhom iseħħu skont il-PAKK.
- (4) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill laqa' u approva l-PAKK u impenja ruħu li jirrispetta t-termini tiegħu u jsegwi l-pjan ta' implimentazzjoni maqbul. Il-Kunsill appoġġa wkoll bis-sħiħ ir-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tal-KSNU.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2010/413/oj>).

- (5) Fit-18 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Dikjarazzjoni 2015/C 345/01² fejn huwa nnotat li l-impenn li jitneħħew is-sanzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin ma' kwistjonijiet nukleari skont il-PAKK kien mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu għar-risoluzzjoni ta' tilwim stabbilit fil-PAKK u għall-introduzzjoni mill-ġdid tas-sanzjonijiet tal-UE fil-każ li l-Iran jonqos b'mod sinifikanti milli jwettaq l-impnjenji tiegħu taħt il-PAKK. Barra minn hekk, il-Kunsill impenja ruħu li jerġa' jintroduċi mingħajr dewmien is-sanzjonijiet kollha tal-Unjoni marbutin ma' kwistjonijiet nukleari li kienu ġew sospiżi jew terminati fil-każ li l-Iran jonqos b'mod sinifikanti milli jwettaq l-impnjenji tiegħu taħt il-PAKK fuq rakkomandazzjoni konġunta lill-Kunsill mir-Rappreżentant Għoli, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit.
- (6) Fl-14 ta' Jannar 2020, ir-Rappreżentant Għoli bħala l-Koordinatur tal-Kummissjoni Konġunta tal-PAKK ("il-Koordinatur") irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit li tirreferi lill-Kummissjoni Konġunta kwistjoni relatata mal-eżekuzzjoni tal-impnjenji tal-Iran taħt il-PAKK għal risoluzzjoni permezz tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, kif stipulat fil-paragrafu 36 tal-PAKK. Fl-istess jum, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li ser iwettaq monitoraġġ tal-proċess tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim ("il-proċess").

² Dikjarazzjoni tal-Kunsill 2015/C 345/01 tat-18 ta' Ottubru 2015 (ĠU C 345, 18.10.2015, p. 1).

- (7) Fl-24 ta' Jannar 2020, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li, skont il-proċess, kien wettaq konsultazzjonijiet bilaterali u kollettivi estensivi u li l-parteċipanti kollha fil-PAKK kienu reġġu kkonfermaw id-determinazzjoni tagħhom li jippreżervaw il-ftehim, li kien fl-interess ta' kulħadd. Il-Koordinatur indika li, minkejja d-diverġenzi rigward il-modalitajiet, kien hemm qbil li kien meħtieġ aktar żmien minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet involuti. Għaldaqstant ġiet estiża l-iskadenza għall-proċess. Il-partijiet kollha involuti qablu li jkomplu d-diskussjonijiet fil-livell tal-esperti biex jiġu indirizzati t-tħassib dwar l-implimentazzjoni nukleari, kif ukoll l-impatti aktar ġenerali tal-irtirar tal-Istati Uniti mill-PAKK u l-impożizzjoni mill-ġdid, min-naħa tagħhom, tas-sanzjonijiet kontra l-Iran. Rigward dan, il-parteċipanti kollha fil-PAKK kienu esprimew id-dispjaċir tagħhom.
- (8) Fil-21 ta' Diċembru 2020, f'Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta dwar il-PAKK, il-parteċipanti fil-PAKK reġġu enfasizzaw l-impenn tagħhom li jippreżervaw il-ftehim u enfasizzaw l-isforzi rispettivi tagħhom f'dan ir-rigward. Id-dikjarazzjoni indikat li l-Ministri kienu ddiskutew kif l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PAKK mill-partijiet kollha tibqa' kruċjali kif ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi attwali għall-implimentazzjoni, inkluż dawk dwar l-impenji għan-nonproliferazzjoni nukleari u t-tneħħija tas-sanzjonijiet. Il-Ministri qablu li jkomplu d-djalogu tagħhom biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-PAKK mill-partijiet kollha. Il-Ministri għarfu l-prospett li l-Istati Uniti jirritornaw mal-PAKK u ssottolinjaw r-rieda tagħhom li jindirizzaw da kir-ritorn pożittivament b'mod konġunt.
- (9) Minn April 2021 sa Awwissu 2022, il-Koordinatur mexxa taħditiet diplomatiċi biex jiġi nneozjat ir-ritorn tal-Istati Uniti fil-PAKK u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PAKK mill-Iran. Minkejja dawn l-isforzi, inkluż diversi laqgħat tal-Kummissjoni Konġunta matul dak il-perjodu, ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim.

- (10) Fl-14 ta' Settembru 2023, il-Koordinatur irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit rigward l-implimentazzjoni tal-PAKK. Il-Ministri għall-Affarijiet Barranin iddikjaraw li l-Iran kien ilu ma jirrispetta l-impenji tiegħu mill-2019 u huma qiesu li ma nstabitx soluzzjoni għal dan permezz tal-proċess. Huma esprimew l-intenzjoni tagħhom li ma jeħdux passi rigward it-tneħħija ta' aktar sanzjonijiet fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK. Fl-istess jum, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li kien iċċirkola l-ittra ministerjali fost il-parteċipanti l-oħra fil-PAKK, u li kien ser jikkonsulta mal-parteċipanti l-oħra kollha fil-PAKK dwar it-triq 'il quddiem.
- (11) Fis-6 ta' Ottubru 2023, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li wara konsultazzjonijiet mal-parteċipanti tal-PAKK, il-kwistjoni dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Iran skont il-PAKK baqgħet ma ssolvietx minħabba l-opinjoni diverġenti espressi.
- (12) Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2195³ li emendat id-Deċiżjoni 2010/413/PESK. Il-Kunsill qies li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex iżżomm wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK il-miżuri restrittivi kontra ċerti persuni u entitajiet elenkati fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u fl-Annessi VIII u IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012⁴. Għaldaqstant, l-ismijiet ta' dawk il-persuni u l-entitajiet ġew trasferiti mill-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK għall-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni u mill-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 għall-Anness IX ta' dak ir-Regolament.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2195 tas-16 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L, 17.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2195/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/267/oj>).

- (13) Il-Kunsill ikkunsidra wkoll li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex iżżomm wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK il-miżuri restrittivi fuq is-servizzi ta' messaġġi finanzjarji, b'rabta mas-settur tat-trasport, b'rabta mal-attivitajiet nukleari li jgħolqu riskju ta' proliferazzjoni u s-servizzi assoċjati, u dawk fuq il-metalli u s-servizzi assoċjati, fuq software u s-servizzi assoċjati, u fuq l-armi u s-servizzi assoċjati.
- (14) Il-Kunsill qies ukoll li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex ma ttemmx wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK il-miżuri restrittivi, li ġew sospiżi fil-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863⁵.
- (15) Fit-28 ta' Awwissu 2025, il-Koordinatur u l-President tal-KSNU irċevew ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit rigward l-implimentazzjoni tal-PAKK. Permezz ta' din l-ittra, il-Ministri għall-Affarijiet Barranin innotifikaw lill-KSNU li, abbażi ta' evidenza fattwali, huma kienu jemmnu li l-Iran mhux qed jirrispetta, b'mod sinifikanti, l-impenji tiegħu skont il-PAKK, u b'hekk infetħet il-proċedura biex jerġgħu jiġu introdotti s-sanzjonijiet tan-NU li tneħħew bir-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tan-KSNU, f'konformità mal-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tan-KSNU.
- (16) Fid-29 ta' Awwissu 2025, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill 2015/C 345/01, ir-Rappreżentant Għoli, Franza u l-Ġermanja baġhtu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kunsill, fejn irrakkomandaw li s-sanzjonijiet kollha tal-Unjoni marbutin ma' kwistjonijiet nukleari li kienu ġew sospiżi jew mitmuma, jew it-tnejn li huma, jiġu introdotti, mingħajr dewmien, ladarba tkun reġġet ġiet introdotta s-sanzjoni tan-NU, skont ir-Riżoluzzjoni UNSCR 2231 (2015).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tat-18 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 274, 18.10.2015, p. 174, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1863/oj>).

- (17) Sas-27 ta' Settembru 2025, il-KSNU ma kienx adotta rizzoluzzjoni ġdida biex ikompli jneħħi s-sanzjonijiet fi żmien 30 jum min-notifika tat-28 ta' Awwissu 2025. Għaldaqstant, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 37 tal-PAKK, id-dispożizzjonijiet tar-Rizzoluzzjonijiet UNSC 1696 (2006), 1737 (2006), 1747 (2007), 1803 (2008), 1835 (2008) u 1929 (2010) għandhom jerġgħu jiġu imposti.
- (18) Għalhekk id-Deċiżjoni 2010/413/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "A. Persuni" jitħassru l-entrati li ġejjin:

18. Mohammad AHMADIAN

21. Massoud AKHAVAN-FARD

44. Majid NAMJOO

45. Babak ZANJANI;

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrati għall-persuni elenkati hawn taħt huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
"1.	Reza AGHAZADEH	Data tat-twelid: 14.3.1949 Post tat-twelid: Khoy, ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran Sess: raġel	Reza Aghazadeh huwa ċittadin Iranjan, membru tal-Expediency Discernment Council. Huwa serva bħala Kap tal-Atomic Agency Organization bejn l-1997 u l-2009. Il-pożizzjonijiet tiegħu wassluh biex ikun fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-programm nukleari tal-Iran. Huwa għadu kkonsultat mill-kollegi tiegħu tal-AEOI dwar kwistjonijiet nukleari. Reza Aghazadeh huwa għalhekk responsabbli għall-parteċipazzjoni diretta fil-programm nukleari tal-Iran u l-eskalazzjoni nukleari.	+ (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016)
3.	Dr Hoseyn (Hossein) FAQIHIAN	Data tat-twelid: 22.5.1952 Post tat-twelid: Isfahan, l-Iran Sess: raġel	Dr Hoseyn Faqihian ikkontribwixxa għall-programm nukleari Iranjan bħala Direttur Ġenerali tan-Nuclear Fuel Production Company u Viċi Direttur tal-AEOI.	+ (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016)
6.	Said Esmail KHALILIPOUR (magħrufa wkoll bħala: LANGROUDI)	Data tat-twelid: 24.11.1945 Post tat-twelid: Langroud Sess: raġel	Said Esmail Khalilipour huwa l-eks Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija deżinjata taħt il-UNSCR 1737 (2006). Għalhekk, Said Esmail Khalilipour huwa involut fl-attivitatijiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran.	+ (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
7.	Ali Reza KHANCHI	Indirizz tal-NRC: AEOI-NRC P.O.Box: 11365-8486 Tehran/ Iran; Faks: (+9821) 8021412 Sess: raġel	Ali Reza Khanchi kien il-kap tat-Tehran Nuclear Research Centre (TNRC) tal-AEOI u huwa xjenzjat li jwettaq riċerka għat-TNRC. It-TNRC huwa involut f'esperimenti dwar is-separazzjoni tal-plutonju. Huwa jkompli jikkoopera mal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI) bħala xjenzjat. Għalhekk, Khanchi huwa involut fi u jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran.	+ (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016)
15.	Ali Akbar SALEHI		Eks Ministru għall-Affarijiet Barranin. Ex Kap tal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI). Huwa għadu jaħdem fid-dinja akkademika fejn din tiltaqa' mal-politika u, f'dehriet pubbliċi reċenti, iddefenda u ppromwova l-industrija nukleari tal-Iran. Għalhekk huwa jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran u qed jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħlqu riskju ta' proliferazzjoni.	+ (17.11.2009, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	Inġinier Naser RASTKHAH	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Eks Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija deżinjata taħt il-UNSCR 1737 (2006). Rastkhah bħalissa huwa parti mill-bord tad-diretturi tal-Iranian Radiation Protection Society, istituzzjoni statali affiljata mal-AEOI, li tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran. Għalhekk Rastkhah huwa involut fi u jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran.	+ (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)
20.	Behzad SOLTANI	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Eks Viċi Kap tal-AEOI. Soltani bħalissa huwa involut f'attivitajiet ta' riċerka rilevanti għall-industrija nukleari u huwa affiljat ma' entitajiet tal-gvern bħall-Iranian Chemical Society (ICS). Għalhekk, Behzad Soltani jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi mil-lat ta' proliferazzjoni.	+ (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)
38.	Mohammad Reza REZVANIANZADEH	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammad Reza Rezvanianzadeh huwa affiljat mal-Atomic Energy Organization of Iran u mal-entità tal-gvern Geology and Mineral Exploration Organization of Iran. Għalhekk, huwa assoċjat ma' entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (1.12.2011, sospiż mis-16.1.2016)";

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

(3) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "B. Entitajiet" jitħassru l-entrati li ġejjin:

5. (k) Mehr Cayman Ltd.

5. (l) Melli Agrochemical Company PJS

5. (n) Melli Investment Holding International

44. Onerbank ZAO

50. Noor Afza Gostar

63. Pearl Energy Company Ltd

64. Pearl Energy Services, SA

144. National Iranian Oil Company Nederland

167. Iranian Oil Company (U.K.) Limited (IOC)

- (4) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "B. Entitajiet", l-entrati għall-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
"3.	Azarab Industries	Indirizz: Kwartieri Ġenerali: No.15, MollaSadra Ave., Vanak sq., Tehran (Postal Code: 1991913981), Iran; Fabbrika: Sanaat Sq., Arak-Iran, Postal Code: 3818997873	Azarab Industries hija involuta fil-qasam tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari u għandha rabtiet mill-qrib mal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI). Barra minn hekk, Azarab Industries hija marbuta ma' Khatam-al Anbiya, kumpanija tal-inġinerija taħt il-kontroll tal-IRGC. Għalhekk, Azarab Industries hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi mil-lat ta' proliferazzjoni u tipprovdi appoġġ għalihom.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
4.	Bank Mellat	Indirizz: Head Office Building, 327 Takeghani (Taleghani) Avenue, Tehran 15817, Iran; P.O. Box 11365-5964, Tehran 15817, Iran	Bank Mellat jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran, b'mod partikolari permezz ta' self bl-għan li jappoġġa kumpaniji tal-Gvern li ma jħallux profitt. Il-Gvern Iranjan huwa wkoll l-akbar azzjonist ta' Bank Mellat. Għalhekk, Bank Mellat jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
5.	Bank Melli, Bank Melli Iran (inkluż il-fergħat kollha) u s-sussidjarji	Ferdowsi Avenue, PO Box 11365-171, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 60FC005874HRB10813	Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran u huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdi servizzi lill-Ministeru għad-Difiża (MODAFL). Għalhekk, Bank Melli huwa kkontrollat mill-Gvern tal-Iran u jipprovdu appoġġ.	+ (23.6.2008, sospiż mis-16.1.2016)
5. (a)	Arian Bank (magħruf ukoll bħala Aryan Bank)	Indirizz: House 2, Street Number 13, Wazir Akbar Khan, Kabul, Afganistan	Arian Bank hija impriża konġunta Afgana bejn Bank Melli u Bank Saderat. Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran u huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdi servizzi lill-Ministeru għad-Difiża (MODAFL). Bank Saderati huwa wieħed mill-akbar banek tal-Iran, il-Gvern tal-Iran huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin tiegħu. Huwa jipprovdi appoġġ finanzjarju lil entitajiet qrib l-IRGC u li proxies tal-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Arian Bank hija entità proprjetà ta', u kkontrollata minn, entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
5. (b)	Assa Corporation	Indirizz: ASSA CORP, 650 (or 500) Fifth Avenue, New York, USA Nru tal-Identità tat-Taxxa 1368932 (Stati Uniti)	Assa Corporation hija entità li hija proprjetà ta' Assa Company Ltd, li hija kumpanija fittizja għall-bank Iranjan ikkontrollat mill-Istat - Bank Melli, li huwa kkontrollat mill-Gvern tal-Iran u jipprovdi appoġġ. Għalhekk, Assa Corporation hija proprjetà ta' entità jew hija kkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (c)	Assa Company Ltd	6 Britannia Place, Bath Street, St Helier JE2 4SU, Jersey Channel Islands	Assa Company Ltd hija kumpanija fittizja għall-bank Iranjan ikkontrollat mill-Istat - Bank Melli, li huwa kkontrollat mill-Gvern tal-Iran u jipprovdi appoġġ. Għalhekk, Assa Company Ltd hija proprjetà ta' entità jew ikkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
5. (d)	Bank Kargoshaie (magħruf ukoll bħala Bank Kargoshaee, magħruf ukoll bħala Kargosai Bank, magħruf wkoll bħala Kargosa'i Bank)	Indirizz: 587 Mohammadiye Square, Mowlavi St., Tehran 11986, Iran	Bank Kargoshaie huwa sussidjarju ta' Bank Melli. Bank Kargoshaie jipprovdi servizzi finanzjarji kemm lill-individwi kif ukoll lin-negozji. Min-naħa l-oħra, Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran li huwa proprjetà ta' u kkontrollat mill-Gvern tal-Iran u jipprovdi servizzi lill-Ministeru għad-Difiża (MODAFL). Għalhekk, Bank Kargoshaie huwa proprjetà ta', jew ikkontrollat minn, entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (e)	Bank Melli Iran Investment Company (BMIIC)	Indirizz: No.2, Nader Alley, Vali-Asr Str., Tehran, Iran, P.O. Box 3898-15875 Indirizz: Bldg 2, Nader Alley after Beheshi Forked Road, P.O. Box 15875-3898, Tehran, Iran 15116 Indirizz: Rafiee Alley, Nader Alley, 2 After Serahi Shahid Beheshti, Vali E Asr Avenue, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 89584	Bank Melli Iran Investment Company hija bank ta' investiment Iranjan. Bank Melli Iran Investment Company hija proprjetà ta' u kkontrollat minn Bank Melli, l-akbar bank tal-Iran, li huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdi appoġġ. Għalhekk, Bank Melli Iran Investment Company hija proprjetà ta' u kkontrollat minn entità li tappoġġa lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
5. (f)	Bank Melli Iran ZAO magħruf ukoll bħala Mir Business Bank	Indirizz: Number 9/1, Ulitsa Mashkova, Moscow, 130064, Indirizz Russu: Mashkova st. 9/1 Moscow 105062 Russia Faks: +7 (495) 9286286, (007495) 6286286 Indirizz elettroniku: mbbmos@mbbru.com Mellimos@BMIRU.com Mellimos@Rex400.ru Sit web tal-entità: www.mbbru.com www.bmiru.com	Bank Melli Iran ZAO huwa bank Iranjan ibbażat fir-Russja. Bank Melli Iran ZAO huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn Bank Melli, l-akbar bank tal-Iran, li huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn u jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Bank Melli Iran ZAO huwa proprjetà ta' jew ikkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (23.6.2008, sospiż mis- 16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
5. (g)	Bank Melli Printing and Publishing Company magħrufa wkoll bħala BMPPC	Indirizz: 18th Km Karaj Special Road, 1398185611 Tehran, Iran, P.O. Box 37515-183 Indirizz: Km 16 Karaj Special Road, Tehran, Iran Indirizz: P.O. Box 37515-183, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 382231	Bank Melli Printing and Publishing Company hija kumpanija Iranjana tal-istampar u tal-pubblikazzjoni. Bank Melli Printing and Publishing Company hija proprjeta ta' u kkontrollata minn Bank Melli, li jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Bank Melli Printing and Publishing Company hija proprjeta ta' jew kkontrollat minn entita li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (h)	Cement Investment and Development Company magħrufa wkoll bħala CIDCO magħrufa wkoll bħala: Cement Industry Investment and Development Company magħrufa wkoll bħala CIDCO Cement Holding	Indirizz: No 20, West Nahid Blvd. Vali Asr Ave., Tehran, Iran, 1967757451 Indirizz: 241, Mirdamad Street, Tehran, Iran	Cement Investment and Development Company hija kumpanija Iranjana proprjeta ta' u kkontrollata minn Bank Melli Iran Investment Company (BMIIC). BMIIC hija proprjeta ta' u kkontrollata minn Bank Melli, li, min-naħa tiegħu, huwa proprjeta tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu u jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Cement Investment and Development Company hija proprjeta ta' u kkontrollata minn entita li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
5. (i)	First Persian Equity Fund	<p>Indirizz: Walker House, 87 Mary Street, George Town, Grand Cayman, KY1-9002, Cayman Islands</p> <p>Indirizz: Clifton House, 7z5 Fort Street, P.O. Box 190, Grand Cayman, KY1-1104; Cayman Islands</p> <p>Indirizz: Rafi Alley, Vali Asr Avenue, Nader Alley, Tehran, 15116, Iran, P.O.Box 15875-3898</p>	Il-First Persian Equity Fund huwa fond ta' investiment imniedi fl-2007 minn Bank Melli. Bank Melli huwa l-akbar bank tal-Iran, li huwa proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollat minnu. Għalhekk, il-First Persian Equity Fund huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
5. (j)	Mazandaran Cement Company	<p>Indirizz: 51 Africa Street, Shaheed Sattari Avenue, between Zafar & Mirdamad, 1968856911 Tehran, Iran</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: IR40014GN</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 1975</p>	Mazandaran Cement Company hija kumpanija Iranjana kkontrollata minn Bank Melli u l-Gvern tal-Iran. Isservi ta' veikolu għall-interessi ta' Bank Melli fl-industrija tas-siment. Għalhekk, Mazandaran Cement Company hija kkontrollata mill-Gvern tal-Iran u minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Barra minn hekk, tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
5. (m)	Melli Bank plc	Indirizz: 98A Kensington High Street, W8 4SG London, United Kingdom Numru tar-reġistrazzjoni: GB04152338	Melli Bank PLC huwa proprjetà sussidjarja kollha kemm hi ta' Bank Melli Iran, li hija proprjetà tal-Gvern tal-Iran. Għalhekk, Melli Bank plc hija proprjetà ta' entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (23.6.2008, sospiż mis-16.1.2016)
5. (o)	Shemal Cement Company magħrufa wkoll bħala: Siman Shomal magħrufa wkoll bħala Shomal Cement Company	Indirizz: No 269 Dr Beheshti Ave. P.O. Box 15875/4571 Tehran – 15146, Iran Indirizz: Dr Beheshti Ave No. 289, Tehran, 151446, Iran Indirizz: 289 Shahid Baheshti Ave., P.O. Box 15146, Tehran, Iran	Shemal Cement Company hija kumpanija tas-siment ikkontrollata minn Bank Melli Iran, li hija proprjetà ta' u kkontrollata mill-Gvern tal-Iran u jipprovdiha appoġġ. L-azzjonist ewlieni ta' Shemal Cement Company huwa Cement Industries Investment and Development Company, li hija proprjetà maġġoritarja tan-National Development Group Investment, li l-azzjonist ewlieni tagħha huwa Bank Melli Iran. Għalhekk, Shemal Cement Company hija kkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
7.	Bank Saderat	Indirizz: Bank Saderat Tower, 43 Somayeh Ave, Tehran, Iran	<p>Bank Saderat huwa wieħed mill-akbar banek tal-Iran. Il-Gvern tal-Iran huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin tiegħu.</p> <p>Bank Saderat jipprovdi appoġġ finanzjarju fil-forma ta' self lil entitajiet qrib l-IRGC. Huwa jippermetti wkoll li l-finanzjament jingħata lill-proxies tal-Gvern Iranjan fir-reġjun, li huma responsabbli għal attivitajiet destabilizzanti.</p> <p>Għalhekk, Bank Saderat qed jappoġġa lill-Gvern tal-Iran.</p>	+ (26.7.2010, sospiż mis- 16.1.2016)
8.	Sina Bank	187 Mothari Avenue, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: IRFEB54525	<p>Sina Bank huwa kkontrollat mill-Islamic Revolution Mostazafan Foundation, entità parastatali Iranjana ewlenija kkontrollata mill-Mexxej Suprem Khamenei, u li hija azzjonist kontrollanti ta' Sina Bank. Jipprovdi servizzi finanzjarji lil Mostazafan Foundation u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpaniji sussidjarji. Għaldaqstant, Sina Bank jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran permezz ta' Mostazafan Foundation.</p>	+ (8.11.2014, sospiż mis- 16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
11. (a)	EDBI Exchange Company magħrufa wkoll bħala Export Development Exchange Broker Co.	Indirizz: No 20, 13th St., Vozara Ave., Tehran, Iran 1513753411, P.O. Box: 15875-6353 Indirizz: Tose'e Tower, corner of 15th St., Ahmad Qasir Ave.; Argentine Square, Tehran, Iran	EDBI Exchange Company hija sussidjarja ta' Export Development Bank of Iran (EDBI). Tipprovdi servizzi ta' senserija finanzjarja lill-klijenti tagħha. EDBI hija kumpanija li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, EDBI Exchange Company hija proprjetà ta' entità jew ikkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
11. (b)	EDBI Stock Brokerage Company	Indirizz: Tose'e Tower, corner of 15th St., Ahmad Qasir Ave.; Argentine Square, Tehran, Iran	EDBI Stock Brokerage Company hija sussidjarja ta' Export Development Bank of Iran (EDBI). Tipprovdi servizzi ta' kambju lill-klijenti tagħha. EDBI hija kumpanija li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Għalhekk, EDBI Stock Brokerage Company hija proprjetà ta' entità jew ikkontrollata minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
11. (c)	Banco Internacional De Desarrollo CA	Indirizz: Urb. El Rosal, Avenida Francesco de Miranda, Edificio Doża, Piso 8, Caracas C.P. 1060, Venezuela Post tar-reġistrazzjoni: Caracas, Venezuela Data tar-reġistrazzjoni: 2007 jew 2008 Numru tar-reġistrazzjoni: J294640109	Banco Internacional de Desarrollo (BID) huwa entità Venezwelana proprjetà ta' Export Development Bank of Iran (EDBI), entità Iranjana li l-objettiv tagħha huwa li tipprovdi appoġġ lill-gvern Iranjan. Għalhekk, BID huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)
14.	Future Bank BSC	Indirizz: Block 304. City Centre Building. Building 199, Government Avenue, Road 383, Manama, Bahrain. PO Box 785 Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju: 54514-1 (Bahrain) li jiskadi fid-9.6.2009; Nru tal-Liċenzja tal-Kummerċ Nru 13388 (Bahrain)	Future Bank BSC huwa bank Iranjan ibbażat fil-Bahrain. Future Bank BSC inħoloq bħala impriża konġunta bejn Bank Saderat u Bank Melli, tnejn mill-akbar banek tal-Iran, li huma proprjetà tal-Gvern tal-Iran u kkontrollati minnu u jipprovdu appoġġ. Għalhekk, Future Bank BSC huwa proprjetà ta' u kkontrollat minn entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
15.	Industrial Development & Renovation Organization magħrufa wkoll bħala IDRO	<p>Indirizz: 78/1 Atefi Street and Africa Avenue, Tehran, Iran</p> <p>Indirizz: P.O. Box 55958, Arbift Tower 1508, Dubai, United Arab Emirates</p> <p>Indirizz: P.O. Box 16820, Jebel Ali, Dubai, United Arab Emirates</p> <p>Indirizz: Vali e Asr Building, Vali Asr St, Jam e Jam Ave, Tehran, Iran</p> <p>Indirizz: P.O.Box 19395-1855, Tehran, Iran</p> <p>Indirizz: No.2 Vali-Asr Building, Vali-Asr Street, Jam-e-Jam Ave, Tehran, Iran</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 1967</p>	Industrial Development and Renovation Organisation huwa korp tal-gvern responsabbli għall-aċċellerazzjoni tal-industrijalizzazzjoni tal-Iran. Huwa involut fil-programmi nukleari u tal-missili u jipprovdi appoġġ lis-settur industrijali Iranjan. Għalhekk, Industrial Development and Renovation Organisation huwa proprjetà ta' jew ikkontrollata mill-Gvern tal-Iran u jappoġġah.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
24.	Kala Naft	Kala Naft Tehran Trading Building, Sepahbod Gharani Street, Karim Khan Zand Avenue, 15988 Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: IR0000047040	Kala Naft hija kumpanija ta' manifattura, appoġġ u akkwist u sussidjarja tan-National Iranian Oil Company (NIOC). NIOC hija entità tal-Istat u operata minnu li tipprovdi riżorsi finanzjarji sostanzjali lill-Gvern tal-Iran. NIOC għandha l-monopolju tal-produzzjoni, il-bejgħ u l-esportazzjoni għaż-żejt Iranjan. Id-dħul iġġenerat mill-bejgħ taż-żejt minn NIOC jaqdi rwol sinifikanti fil-finanzjament għall-militar tal-Iran u għall-IRGC. Għalhekk Kala Naf hija propjerà ta', u kkontrollata minn, entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis- 16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
25.	Machine Sazi Arak	P.O. Box: 148, KM 4, Tehran Alley, 3818997888 Arak, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: IR30177GN Data tar-reġistrazzjoni: 1967	Machine Sazi Arak hija kumpanija Iranjana tal-manifattura tal-makkinarju u t-tagħmir industrijali. Hija timmanifattura tagħmir għal attivitajiet li joħlqu riskju ta' proliferazzjoni u telenka l-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI) kif ukoll MODAFL bħala klijenti tagħha. Hija affiljata wkoll mal-IDRO li tipprovdi appoġġ fil-manifattura tal-programm nukleari. Machine Sazi Arak kienet involuta wkoll fil-bini tar-reattur ta' ilma tqil ta' Arak. Tappoġġa wkoll l-attivitajiet ta' tiftix għaż-żejt u l-gass issorveljati mill-Ministeru għaż-Żejt kif ukoll min-NIOC u s-sussidjarji tagħha. Għalhekk, Machine Sazi Arak hija involuta fil-programm ta' missili nukleari, u tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
27.	Power Plants' Equipment Manufacturing Company magħruf ukoll bħala Saakhte Tajhizate Niroogahi	Indirizz: No. 10, Jahanara Alley, after Hemmat Bridge, Abbaspour St. (previously called Tavanir), Tehran, Post Code 1435733161, Iran	Power Plants' Equipment Manufacturing Company (SATNA) hija subordinata għall-AEOI u Novin Energy (it-tnejn deżinjati taħt UNSCR 1737). Hija involuta fl-iżvilupp ta' reatturi nukleari. Għalhekk, Power Plants' Equipment Manufacturing Company hija involuta fi u tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran.	+ (26.7.2010, sospiż mis- 16.1.2016)
30.	Nuclear Power Production and Procurement Company (NPPD)	No. 8, Tandis St., Africa Ave., Tehran (headquarter), Iran	Nuclear Power Production & Development Company (NPPD) hija sussidjarja tal-AEOI u hija involuta fl-iżvilupp ta' impjanti tal-enerġija nukleari. Għalhekk, NPPD hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li jgħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	+ (23.4.2007, sospiż mis- 16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
36.	Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute magħruf ukoll bħala Research Institute of Nuclear Science and Technology magħruf ukoll bħala Nuclear Science and Technology Research Institute	AEOI, PO Box 14395-836, Tehran, Iran	L-Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute huwa affiljat fuq livell uffiċjali mal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI), li tissorvelja l-programm nukleari Iranjan. Għalhekk, l-Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute huwa involut l-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u jappoġghom.	+ (26.7.2010, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
43.	Europäisch-Iranische Handelsbank (EIH)	Indirizz: Kwartieri Ġenerali: Depenau 2, D-20095 Hamburg; Kish branch, Sanaee Avenue, PO Box 79415/148, Kish Island 79415 Indirizz: Tehran branch, No. 1655/1, Valiasr Avenue, PO Box 19656 43 511, Tehran, Iran	Europäisch-Iranische Handelsbank (EIH) hija proprjetà tal-Gvern Iranjan u tal- Bank of Industry and Mines. Għalhekk, EIH hija entità proprjetà ta', jew ikkontollata minn, il-Gvern tal-Iran.	+ (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)
46.	EMKA Company	Indirizz: P.O. Box 14155-1339, Tehran, Iran	EMKA Company hija attiva fl-industrija nukleari tal-Iran. EMKA Company hija sussidjarja ta' TAMAS Company li hija kumpanija speċjalizzata għall-produzzjoni ta' materja prima u fjuwil nukleari fl-Iran. EMKA Company hija speċifikament responsabbli għall-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tal-minerali fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Għalhekk, EMKA Company hija involuta fl-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran u qed tippovdi appoġġ għalihom.	+ (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
53.	<p>Isfahan Nuclear Reactor Fuel Company</p> <p>magħrufa wkoll bħala Sureh Nuclear Reactors Fuel Company</p> <p>magħrufa wkoll bħala Nuclear Fuel Reactor Company; Sookht Atomi Reactorhaye Iran; Soukht Atomi Reactorha-ye Iran</p>	<p>Kwartieri Ġenerali: 61 Shahid Abtahi St, Karegar e Shomali, Tehran, Iran</p> <p>Kumpless: Persian Gulf Boulevard, Km 20 SW Esfahan Road, Esfahan; Iran</p>	<p>Magħrufa qabel bħala Sureh Nuclear Reactors Fuel Company, hija subordinata għall-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOD), li tikkonsisti fil-Uranium Conversion Facility, il-Fuel Manufacturing Plant u ż-Zirconium Production Plant.</p> <p>Għalhekk, Isfahan Nuclear Reactor Fuel Company hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.</p>	<p>+</p> <p>(23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)</p>
69.	Bonab Research Center (BRC)	Indirizz: Jade ye Tabriz (km 7), East Azerbaijan, Iran	<p>Il-Bonab Research Center qed jipprovdi riċerka għad-disinn u l-manifattura ta' komponenti u tagħmir nukleari minn organizzazzjonijiet Iranjani. Għalhekk, il-Bonab Research Center huwa involut fi u jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.</p>	<p>+</p> <p>(23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)</p>

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att.

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
